# LINJI GWIDA GĦALL-MIDJA FUQ RAPPURTAĠĠ TA' NON-SUICIDAL SELF-INJURY

MALTESE ASSOCIATION OF PSYCHIATRY

## SFOND

Il-midja għandha rwol importanti biex ixxandar u twassal l-informazzjoni meħtieġa dwar suġġetti relatati mas-saħħa pubblika, fosthom, dwar meta individwu jagħmel ħsara fuqu nnifsu li iżda, ma taqax taħt il-kategorija ta' suwiċidju; non-suicidal self-injury (NSSI). Madanakollu, huwa importanti li jiġu segwiti linji gwida biex dan isir b'mod sensittiv skont in-natura tas-suġġett.
Dawn il-linji gwida huma fundamentali għaliex permezz tagħhom u bl-użu ta' kliem xieraq u adegwat, jgħinu biex titnaqqas l-istigma marbuta mas-saħħa mentali u min ikun vittma ta' NSSI. L-użu ta' evidenza bbażata fuq l-għarfien tas-suġġett u l-użu ta' kliem meqjus u xieraq biex jiġi edukat il-pubbliku, jgħinu biex jiġu evitati kunċetti żbaljati marbuta ma' dan is-suġġett sensittiv kif ukoll, jipprovdu ottimiżmu u tama biex jgħinu lill-vittmi jirkupraw.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL- MIDJA

- **Rappurtaġġ sensittiv jinkludi:**
    - Jiġi evitat l-użu ta' ritratti grafiċi għaliex dawn jinkuraġixxu imġieba li tqarrab għal NSSI f'ċertu individwi,
    - Jiġu evitati dettalji fil-kitba li għandhom x'jaqsmu ma' feriti li juru NSSI, tifsir ta' NSSI u għodod użati biex l-individwu seta' jagħmel NSSI.

- **Rappurtaġġ preċiż u bbażat fuq l-evidenza:**
    - Tiġi evitata informazzjoni skoretta, inkluż li ssir distinzjoni bejn NSSI u suwiċidju,
    - Jiġi użat materjal rivedut u riċenti biex jiġi edukat il-pubbliku,
    - Tkun irrapurtata informazzjoni ġdida u riċenti billi jintużaw linji gwida u algoritimi aġġornati b'mod regolari.

- **Tiġi ppreżentata informazzjoni newtrali**
    - Jiġu evitati aħbarijiet sensazzjonali, speċjalment dawk li jinvolvu metodu ta' NSSI,
    - Jiġu evitati wkoll deskrizzjonijiet eżaġerati u l-prevalenza ta' NSSI.

# LINJI GWIDA GĦALL-MIDJA FUQ RAPPURTAĠĠ TA' NON-SUICIDAL SELF-INJURY

MALTESE ASSOCIATION OF PSYCHIATRY

## RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL- MIDJA

- **L-użu ta' lingwaġġ adattat u mhux stigmatizzanti**
  - Jiġi evitat kliem u termini speċifiċi li permezz tiegħu, l-individwu jħossu bħala vittma,
  - Issir distinzjoni bejn l-att u l-persuna billi jiġi evitat kliem u/jew frażijiet bħal 'persuna li taqta' lilha nnifisha' (cutter), 'mutilatur' (mutilator), għaliex joħolqu konnessjoni diretta bejn il-persuna u l-imġieba u allura, tiżdied iktar l-istigma lejn NSSI,
  - Jiġu provduti linji gwida lil dawk li jwieġbu, artikli onlajn moderati/jiktbu kummenti, jiġu identifikati u jitneħħew dawk li juru nuqqas ta' rispett lejn is-suġġett u l-individwi. Għandhom ukoll jiġu imposti konsegwenzi, speċjalment fuq min jagħmel dan l-att repetutament.

- **L-irkupru u t-trattament għandhom ikunu punt ta' fokalizzazzjoni**
  - Tiġi enfasizzata l-importanza li wieħed għandu jfittex għat-trattament u għar-riżorsi li joffru għajnuna xierqa,
  - Pjattaformi tal-midja għandhom ikunu responsabbli u l-għan aħħari tagħhom għandu jkun li jippromovu riżorsi, materjal edukattiv, sapport lill-entitajiet u għajnuna xierqa fejn tidħol is-saħħa mentali (eżempju, l-użu tal-pop-ups) meta ċertu terminoloġija marbuta ma' NSSI tkun imdaħħla.
  - Enfażi fuq stejjer ta' suċċess u t'irkupru minn NSSI u anke dawk marbuta ma' strateġiji relatati ma' prevenzjoni.

Magħmula minn "The Suicide Prevention Sub-Committee" of the Maltese Association of Psychiatry (MAP) 2021.
Traduzzjoni għall- Malti: Sinjorina Elaine Camilleri
Email: info@map.org.mt
Facebook: https://facebook.com/MalteseAssociationofPsychiatry

# LINJI GWIDA GĦALL-MIDJA FUQ RAPPURTAĠĠ TA' NON-SUICIDAL SELF-INJURY

MALTESE ASSOCIATION OF PSYCHIATRY

## RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL- MIDJA SOĊJALI

- **Jiġu adottati u mxerrda regoli ċari mill-pjattaforma użata**
    - L-impjegati u l-utenti tal-pjattaforma għandhom jiġu infurmati,
    - Għandu jiġi evitat kontenut li jqanqal interess fis-suġġett,
    - Jiġu użati twissijiet.

- **Jiġu mxerrda linji gwida ta' rispons** – għandha tiġi introdotta għall-utenti sistema faċli ta' flagging għall-postsu/jew kummenti mhux xierqa u li joħolqu stigma biex b'hekk ikunu identifikati u mneħħieha.

- Jiġu **adottati protokolli ta' moderazzjoni** (umani u/jew bl-użu ta' makkinarju) biex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' identifikazzjoni u tneħħija ta' posts u kummenti li jagħmlu ħsara jew joħolqu stigma u li jkunu qegħdin jiksru r-regoli tal-pjattaforma.

- Jiġu **applikati konsegwenzi serji** lil min jippostja u jikkumenta b'mod dispreġattiv repetutament (jiġi mneħħi mill-pjattaforma jew prosekuzzjoni) .

- **Il-linji gwida, il-moderaturi tas-sit u/jew tweġibiet algoritmiki għandhom jiġu aġġornati** b'mod regolari (jiġi inkorporat tagħrif riċenti dwar xejriet ġodda ta' posts)

- **Għandha tiġi provduta l-għajnuna neċessarja kollha anke permezz ta' pop-ups u ħolqiet (links)** li jitilgħu awtomatikament bl-użu ta' ċertu kliem jew frażijiet fosthom 'qtugħ' (cutting), 'ħsara fuqek innifsek' (self-harm/self-injury). Dawn il-pop-ups jew ħolqiet għandhom iwasslu lill-individwu f'ħolqiet oħra li joffru sapport u materjali biex wieħed ifittex l-ewwel għajnuna.

---

Għall-iktar informazzjoni u pariri prattiċi fuq kif għandhom jiġu użati dawn il-linji gwida provduti, wieħed għandu jirreferi għall-artiklu ppublikat fil-ġurnal xjentifiku BJPsych: https://www.cambridge.org/core/journals/the-british-journal-of-psychiatry/article/media-guidelines-for-the-responsible-reporting-and-depicting-of-nonsuicidal-selfinjury/F9B81777FE962305A3130163853A536D

**Magħmula minn "The Suicide Prevention Sub-Committee" of the Maltese Association of Psychiatry (MAP) 2021.**
**Traduzzjoni għall- Malti: Sinjorina Elaine Camilleri**
**Email: info@map.org.mt**
**Facebook: https://facebook.com/MalteseAssociationofPsychiatry**